# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.04

## REGOLAMENTI DWAR KOOPERAZZJONI EWROPEA FIX-XANDIR

*Sostitwit: A.L. 485 tal-2020.*

15 ta' Diċembru, 2000;
1 ta' Mejju, 2004

*L-AVVIŻ LEGALI 158 tal-2000, kif emendat bl-Avviżi Legali 258 tal-2000, 323 tal-2010 u 485 tal-2020.*

Titolu. *Sostitwit: A.L. 485 tal-2020.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Kooperazzjoni Ewropea fix-Xandir.

Tifsir. *Emendat: A.L. 323 tal-2010.* Kap. 350.

**2.** (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"l-Att" tfisser l-Att dwar ix-Xandir;

"produtturi li huma indipendenti mix-xandara" tfisser kull persuna li -

(*a*) mhix impjegata (sew jekk tkun bil-*leave* temporanju ta' assenza sew jekk le) ta' xandar;

(*b*) ma jkollhiex *shareholding* akbar minn 15% f'xandar:

Iżda kumpannija ma għandhiex titqies bħala produttur independenti jekk xandar ikollu *shareholding* akbar minn 15% f'dik il-kumpannija;

"xandar" tfisser xandar ta' servizz ta' xandir televiżiv.

(2) Kliem użati f'dawn ir-regolamenti għandhom jingħataw l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

Għan tar-regolamenti. *Sostitwit: A.L. 323 tal-2010.* Kap. 350.

**3.** Is-servizzi ta' mezzi awdjoviżivi kollha trasmessi minn provdituri ta' servizzi tal-mezzi f'Malta għandhom jikkonformaw mar-regoli tas-sistema ġuridika applikabbli għal servizzi ta' mezzi awdjoviżivi maħsubin għall-pubbliku f'Malta kif inhuma fl-Att dwar ix-Xandir u f'leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.

Xandir ta' xogħlijiet Ewropej. *Emendat: A.L. 323 tal-2010. Enumerat: A.L. 485 tal-2020.*

**4.** (1) Xandar għandu jirriserva għal xogħlijiet Ewropej skond it-tifsira mogħtija lilhom fis-subregolamenti (1) sa (7), proporzjon maġġoritarju tal-ħin tiegħu għat-trasmissjoni, ħlief il-ħin għall-aħbarijiet, ġrajjiet sportivi, logħob, reklamar, servizzi ta' *teletext* u *teleshopping*. Dan il-proporzjon għandu jintlaħaq progressivament wara li jitqiesu r-responsabilitajiet informattivi, edukattivi, kulturali u ta' divertiment li x-xandar għandu lejn it-telespettaturi kif imsejsa fuq kriterji adattati.

(2) Ix-xandara għandhom -

(*a*) jew jirriżervaw mill-inqas 10% tal-ħin tat-trasmissjoni, eskluż il-ħin allokat għall-aħbarijiet, ġrajjiet sportivi, logħob, reklamar, servizzi tat-*teletext* u *teleshopping*; jew

(*b*) jirriżervaw mill-inqas 10% tal-*budget* tagħhom għall-iprogrammar,

għal xogħlijiet Ewropej magħmulin minn produtturi li huma independenti mix-xandara. Dan il-proporzjon għandu jintlaħaq progressivament wara li jitqiesu r-responsabilitajiet informattivi, edukattivi, kulturali u ta' divertiment tax-xandara lejn it-

telespettaturi. Dak il-proporzjon għandu jintlaħaq billi jissejjes fuq kriterji adattati u billi jiġi assenjat proporzjon adegwat għal xogħlijiet trasmessi fi żmien ħames snin mill-produzzjoni tagħhom.

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, "xogħlijiet Ewropej" tfisser:

(*a*) xogħlijiet li joriġinaw fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejħin "Stati Membri";

(*b*) xogħlijiet li joriġinaw fi Stati Ewropej terzi li huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Televiżjoni Transfruntiera tal-Kunsill tal-Ewropa u li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet fis-subregolament (4);

(*ċ*) xogħlijiet ko-prodotti fil-qafas tal-ftehim relatat mas-settur awdjoviżiv magħmul bejn il-Komunità u pajjiżi terzi u li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet imfissra f'kull ftehim bħħal dawn:

Iżda l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (*b*) u (*ċ*) għandha tkun soġġetta għall-kondizzjoni li xogħlijiet li joriġinaw fi Stati Membri ma jkunux jiffurmaw is-suġġett ta' miżuri diskriminatorji fil-pajjiżi terzi konċernati.

(4) Ix-xogħlijiet imsemmija fis-subregolament (3)(*a*) u (*b*) huma xogħlijiet magħmulin prinċipalment minn awturi u ħaddiema li joqogħdu f'wieħed jew aktar mill-Istati msemmijin fil-paragrafi msemmija, sakemm dawn ikunu jikkonformaw ma' waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) ikunu magħmulin minn produttur wieħed jew aktar stabbiliti f'wieħed jew aktar minn dawk l-Istati; jew

(*b*) il-produzzjoni tax-xogħlijiet tkun sorveljata u attwalment kontrollata minn produttur wieħed jew aktar stabbiliti f'wieħed jew aktar minn dawk l-Istati; jew

(*ċ*) il-kontribut ta' ko-produtturi ta' dawk l-Istati għall-ispejjeż tal-ko-produzzjoni totali jkun preponderanti u l-ko-produzzjoni ma tkunx kontrollata minn produttur wieħed jew aktar stabbilit barra minn dawk l-Istati.

(5) Xogħlijiet li mhumiex Ewropej fl-ambitu tat-tifsira tas-subregolament (3) imma huma prodotti fl-ambitu tal-qafas ta' trattati bilaterali ta' ko-produzzjoni konklużi bejn Stati Membri u pajjiżi terzi għandhom jitqiesu li huma xogħlijiet Ewropej sakemm il-ko-produtturi mill-Komunità jissupplixxu sehem maġġoritarju tan-nefqa totali tal-produzzjoni u l-produzzjoni ma tkunx ikkontrollata minn produttur jew aktar stabbiliti barra t-territorju tal-Istati Membri.

(6) Xandar għandu jifformula u jibgħat lill-Awtorità tax-Xandir rapport annwali li jkun jinkludi:

(*a*) dikjarazzjoni statistika dwar il-kisba tal-proporzjonijiet imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2) u li turi separatament il-proporzjon ta' programmi

oriġinarjament prodotti fil-lingwa Maltija għar-rigward ta' servizzi ta' programmi televiżivi mxandra minn dak ix-xandar;

(*b*) ir-raġunijiet għan-nuqqas li jinkisbu dawk il-proporzjonijiet f'każijiet meta x-xandar ma jkunx kiseb dak l-għan;

(*ċ*) il-miżuri adottati jew maħsuba bl-għan li jinkisbu dawk il-proporzjonijiet.

**5.** (1) Ix-xandara ma għandhomx ixandru fuq bażi esklużiva ġrajjiet li l-Awtorità tikkonsidra bħala ta' importanza prinċipali għas-soċjetà b'mod illi ċċaħħad proporzjon sostanzjali tal-pubbliku mill-possibilità li ssegwi dawk il-ġrajjiet permezz ta' *coverage* dirett jew permezz ta' *coverage* differit fuq it-televiżjoni bla ħlas. L-Awtorità għandha tħejji lista ta' ġrajjiet speċifikati, nazzjonali jew le, li hija tikkonsidra li jkunu ta' importanza ewlenija għas-soċjetà u għandha tagħmel dan b'manjiera ċara u trasparenti fi żmien qasir. Meta tagħmel dan l-Awtorità għandha wkoll tistabbilixxi jekk dawk il-ġrajjiet għandhomx ikunu disponibbli permezz ta' *coverage* dirett sħiħ jew parzjali jew, fejn ikun meħtieġ jew xieraq għal raġunijiet ta' oġġettività fl-interess pubbliku, permezz ta' *coverage* differit sħiħ jew parzjali.

Trasmissjonijiet ta' ġrajjiet prin`ipali.
*Emendat:*
*A.L. 323 tal-2010.*
*Enumerat:*
*A.L. 485 tal-2020.*

(2) Ix-xandara m'għandhomx jeżerċitaw id-drittijiet esklużivi mixtrija mid-19 ta' Diċembru 2007 'l quddiem b'mod li proporzjon sostanzjali mill-pubbliku fi Stat Membru ieħor ikun miċħud mill-possibbiltà li jsegwi avvenimenti li huma magħżula minn dak l-Istat Membru l-ieħor skond id-dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni tagħhom li jittrasponu l-paragrafu 3 tal-artikolu 3j tad-Direttiva permezz ta' xandiriet diretti sħaħ jew parzjali jew, fejn ikun meħtieġ jew xieraq għal raġunijiet oġġettivi fl-interess pubbliku, xandiriet differiti sħaħ jew parzjali fuq televiżjoni bla ħlas kif stabbilit minn dak l-Istat Membru l-ieħor skont il-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-dispożizzjoni msemmija tad-Direttiva.

**6.** Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 16(4) ta' l-Att jew għall-kondizzjonijiet f'xi liċenza ta' xandir, kull ksur tad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5 u 6 għandu jikkostitwixxi reat amministrattiv li l-Awtorità tax-Xandir għandha tittratta skond ma hemm fl-artikolu 41 ta' Att.

Offiża amministrattiva.
Kap. 350.
*Enumerat:*
*A.L. 485 tal-2020.*